# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Il-Ħadd 27 t'Awwissu 2017
Il-XXI Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-wieħed u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inżommu l-għaqda fi ħdan il-Knisja, il-ġisem ta' Kristu.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 22, 19-23)

Il-profeta Isaija jurina li Alla huwa 'l fuq minn kull saltna f'din id-dinja.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 137 (138), 1-2a.2bċ-3.6.8bċ)

It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa' għal dejjem

**It-Tieni Qari** (Rum 11, 33-36)

San Pawl jgħidilna li kollox ġej minn Alla li jinsab wara kull ħidma tal-bniedem.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 16, 13-20)

Ġesù ta l-mandat lil Pietru sabiex dan ikompli jħares il-Knisja tiegħU.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Fit-tieni qari smajna li kollox ġej minn Alla li jinsab wara kull ħidma tal-bniedem.
Ejjew noffru lil Alla l-ħidmiet kollha tagħna f'dan il-mument.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-Ewkaristija tgħaqqadna bħala Knisja.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.